

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1156/2007

tat-3 ta' Ottubru 2007

li japprova emendi sostanzjali fl-ispeċifikazzjoni ta' isem imniżżel fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' l-orijini u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiki protetti (Münchener Bier (IĠP))

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ta' l-20 ta' Marzu 2006 dwar il-ħarsien ta' l-indikazzjonijiet ġeografiki u tad-denominazzjonijiet ta' l-orijini tal-prodotti agrikoli u ta' l-oġġetti ta' l-ikel⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 9(1) u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni eżaminat it-talba mressqa mill-Ġermanja għall-approvazzjoni ta' emendi fl-ispeċifikazzjonijiet ta' l-indikazzjoni ġeografika protetta "Münchener Bier", irreġistrata skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96⁽²⁾.

- (2) Peress li l-emendi kkonċernati ma jistgħux jitqiesu bħala minuri fis-sens ta' l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni ppublikat it-talba għall-emendi fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, skond l-Artikolu 6 ta' l-imsemmi Regolament⁽³⁾. Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-emendi għandhom jiġu approvati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emendi fl-ispeċifikazzjoni ppublikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fit-22.12.2006 dwar id-denominazzjoni li tidher fl-Anness għal dan ir-Regolament huma approvati.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 3 ta' Ottubru 2007.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2156/2005 (ĠU L 342, 24.12.2005, p. 54).

⁽³⁾ ĠU C 316, 22.12.2006, p. 2.

ANNEX

Oġġetti ta' l-ikel imsemmija fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 510/2006:

Klassi 2.1. **Birer**

IL-ĠERMANJA

Münchener Bier (IĠP)
